MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-3 ta' April, 2008

Numru. 919/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Malcolm Spiteri**

**vs**

**Duncan Caruana**

Il-Qorti:

Rat l-imputat Duncan Caruana iben Joseph u Anna nee` Schembri, imwieled il-Pieta` fl-10 ta` Gunju, 1987 u residenti 38, Market Place, Tarxien u detentur tal-karta ta` l-identita` numru 265087 (M) li gie imressaq quddiemha akkuzat talli:-

Fil-granet ta` qabel il-11 ta` Awissu, 2004:-

A) Ikkommetta serq ta` mutur ta` ghamla Malagutti ghad-dannu ta` persuni mhux maghrufa liema serq huwa aggravat bix-xorta tal-haga misruqa u bil-valur u dana bi ksur ta` l-artikoli 271 (g) u 267 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

B) Saq mutur ta` ghamla Malagutti minghajr liema mutur ma kienx licenzjat mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mid-Direttur tad-Dipartiment tal-Licenzji, u b`hekk l-imputat ma kienx assigurat kontra t-terzi persuni ma` kumpanija ta` l-assigurazzjoni filwaqt li ma kellux fil-pussess tieghu licenzja tas-sewqan mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mid-Direttur tad-Dipartiment tal-Licenzji u dana bi ksur ta` l-artikolu 15 (a) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta` Malta.

C) Il-Qorti kienet umilment mitluba li barra li tinfliggi l-piena marbuta ma` dawn ir-reati, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez a tenur ta` l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali tat-12 ta’ Mejju 2005 (a fol. 58 tal-process) fejn huwa deherlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fl-Artikoli :

(a) 261 (c) (g), 267,271, 279, 280 u 281 tal-Kodici Kriminali;
(b) 15 (1) (a) u (3) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(c) 30 tal-Kodici Kriminiali;
(d) 3 (1) u (1a) tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta’ Malta.
(e) 533 tal-Kodici Kriminali;

Rat illi l-imputat fis-seduta tal-1 ta’ Novembru 2007 ta l-kunsens tieghu sabiex dawn il-proceduri jigu trattati u decizi bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Semghat il-provi u rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghal dan il-kaz huma dawn li gejjin. Mix-xhieda tal-Ispettur Malcolm Spiteri (a fol. 13 u 14 tal-process), ta’ PS 1439 John Tabone (a fol. 17 u 18 tal-process) u ta’ PC 353 Antoine Sacco (deposizzjoni relativa esebita a fol. 23 u 24 tal-process) jirrizulta li fil-11 ta’ Awissu 2004 il-Pulizija rceviet telefonata anonima fejn gie indikat li fil-ground tal-football ta’ Hal-Tarxien kien hemm persuna li kienet qed issuq mutur li kien probabilment misruq. Il-Pulizjija accediet fuq il-post fejn instab l-imputat akkompanjat minn terza persuna hdejn mutur u meta l-Pulizija staqsiet ta’ min kien il-mutur l-imputat irrisponda li kien tieghu. Dan il-mutur kien bla *number plates*. L-imputat ittiehed l-Ghassa u l-mutur gie kkonfiskat. Minn investigazzjonijiet ulterjuri li imbaghad ghamlet il-Pulizjia irrizulta li l-imputat, li dak iz-zmien kellu biss sbatax-il sena (17), ma kellux licenzja tas-sewqan u li l-mutur ma kellux licenzja tat-triq, kien misruq u ma kienx kopert b’polza ta’ assikurazzjoni. Mix-xhieda ta’ Brian Farrugia, ir-rapprezentant tad-Dipartiment tal-Licenzji, (vide xhieda relattiva a folio 50 tal-process) effettivament irrizulta li l-imputat ma‘ ghandu ebda licenzja tas-sewqan.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ghazel li ma jixhidx f’dawn il-proceduri izda a tempo vergine huwa kien irrilaxxja stqarrija lil Pulizija (esebita a folio 15 u 16 tal-process) fejn huwa qal li fl-10 ta’ Awissu 2004 huwa kien ha mutur li kien ilu pparkjat wara l-ground ta Hal-Tarxien ghal tlett ijiem. Huwa ghalhekk mar ghalih, tah *kick start* u startjah, mar jaghtih il-*petrol* u mbaghad mar dawra bih u hallih wara l-Health Clinic ta’ Rahal il-Gdid. L-ghada ghal habta tas-1.00pm, rega’ mar ghal mutur u hallih fejn il-bandli ta’ Hal-Tarxien fejn imbaghad sabuh il-Pulizija.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta’ digriet tal-11 ta Frar 2005 il-Qorti nnominat lil Joseph Zammit bhala espert tekniku sabiex jaghti valur lill-mutur in kwistjoni. Huwa fil-fatt halef ir-rapport tieghu fis-seduta tas-26 ta’ Lulju 2006 fejn xehed li ma rnexxilux jidentifika l-engine number tal-mutur ghaliex kienu jidhru biss tlett digits u qal ukoll li l-mutur huwa bla number plates u s-sid tieghu mhux maghruf. Huwa qal ukoll li l-magna ma tiswa xejn peress li m’ghandhiex numru u li l-mutur igib valur ta’ madwar Lm 50 jekk jinbiegh bhala wreck ghall-ispare parts.

Ikkunsidrat:

Illi permezz tal-ewwel akkuza l-imputat jinsab akkuzat ta’ serq bix-xorta tal-haga misruqa u bil-valur. Il-kwistjoni kollha tirrigwarda l-fatt jekk huwa jistghax jinstab hati ta’ din l-akkuza una volta lli qatt ma ngabet il-prova dwar min kien il-propjetarju.

Irid jinghad mal-ewwel li l-Prosekuzzjoni qatt ma gabet prova dwar min kien il-propjetarju tal-mutur in kwistjoni u l-anqas ingabet prova li effettivament il-mutur kien irrapurtat misruq. Il-fatt li l-mutur kien bla *number plates* u l-fatt li dan kellu l-*engine number* parzjalment imhassar, kif ukoll il-valur lilu moghti mill-espert tekniku Joseph Zammit jindikaw li dan il-mutur kien abbandunat. Il-kwisjtoni kollha ghalhekk tirrigwarda l-fatt jekk l-imputat jistax jinstab hati li seraq xi haga li tirrizulta li kienet abbandunata.

F’dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza tal-**Qorti Kiriminali** tal-**1 ta’ Lulju 1941** fil-kawza fl-ismijiet ‘**Rex vs William Latham et’** fejn intqal hekk:-

*“It is a well known principle in local case law, that whosoever takes possession of an article which he finds lying about in the street under such circumstances as to show that the article in question belongs to somebody and was not abandoned by its owner becomes guilty of theft.”*

L-istess haga qalet il-**Qorti Kriminali** f’sentenza tal-**11 ta’ Marzu 1943** fil-kawza fl-isimijiet **Il-Maesta’ Tieghu ir-Re**

**vs Guzeppi Scicluna et-** *"..huwa principju pacifiku fil-gurisprudenza tal-Qrati tal-Gustizzja Kriminali taghna li min jiehu pussess ta' oggett li jsib f'xi lok taht cirkostanzi li juru li dak l-oggett jappartjeni lil xi hadd u ma giex abbandunat minn sidu jikkommetti serq"*

Una volta li fil-kaz odjern ic-cirkostanzi kollha jindikaw li l-mutur in kwistjoni kien abbandunat, il-Qorti ma tistax issib lill-imputat hati tal-ewwel akkuza ghaliex huwa ma jistax jinstab hati ta' serq ta' oggett abbandunat.

In kwantu jirrigwarda t-tieni akkuza din tirrizulta ammessa mill-imputat fl-istqarrija minnu rilaxxjata u inoltre mix-xhieda ta' Brian Farrugia, li saret referenza ghaliha aktar 'il fuq, irrizulta li l-imputat ma kellux licenzja tas-sewqan. Il-Qorti ghalhekk qed issib lill-imputat hati ta' din l-akkuza.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-ewwel akkuza u tilliberah mill-istess akkuza u wara li rat l-Artikoli 15 (1)(a) u (3) Tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, 3(1), (1A u (2A) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li qed issib lill-imputat hati tat-tieni akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah multa ta' elfejn, tlett mija u disa' u ghoxrin Ewro (2,329.00 €) li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14 (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghandha tithallas f' rati mensili u konsekuttivi ta' mija u hamsin Ewro (€150) b' dan illi l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mit-30 ta' April 2008. Jekk l-imputat jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc dovut jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghall-ekwivalenti f' Ewro ta' kull Lm5 dovuta u tiskwalifikah milli jkollu jew jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax - il (12) xahar millum.

Inoltre b'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lill-imputat sabiex sa zmien tlett (3) xhur millum ihallas is-somma ta' mija u sebgha u disghin Ewro u tnejn u hamsin centezmu (197.52€) liema somma tirrapprezenta l-ispejjez tal-esperti mahtura f' dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------